# ID-DAWL

AWWISSU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 44

"U dak li jqiegħed il-fiduċja tiegħu f'Alla – Dak hu biżżejjed għalih."



Ir-Rigal Prezzjuż | Il-Qawwa tat-Talb | Il-Verità | Mezzi ta' Ksib is-Safa

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# DMIRIJIETNA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Illum il-ġurnata naraw li hemm ħafna problemi ekonomiċi, ambjentali, soċjali, u morali fis-soċjetajiet tagħna. Il-bniedem qed jinsa lill-Ħallieq u jqis l-affarijiet materjalistiċi bħala mezz għall-paċi interna, imma jinsa l-fatt li l-paċi u s-sodisfazzjon jinsabu biss fit-tifkira ta' Alla; kif Alla qal fil-Koran Imqaddes li,

> **"Huwa fit-tifkira ta' Alla li l-qlub jistgħu jsibu sodisfazzjon u paċi."** (13:29)

Barra minn hekk, il-bniedem qed jinsa l-valuri morali fosthom il-valur tal-verità. Fil-fatt, il-verità hija wieħed mill-akbar valuri u prinċipji fil-ħajja. Ħafna drabi nsibu li n-nies jippruvaw minn kollox biex jaħbu l-verità. Naraw ukoll li qed ninsew b'rata mgħaġġla l-importanza tal-purifikazzjoni interna ta' ġisimna u erwieħna.

F'din ir-rivista, aħna qegħdin niffokaw fuq ir-responsabbiltajiet ambjentali tagħna u fuq il-valuri morali u s-safa tagħna nfusna. Nittamaw li l-qarrejja tagħna jsibuha ferm informattiva u interessanti.


## ID-DAWL

Awwissu 2021 – Numru 44 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**


## INDEX


| | |
|---|---|
| Our Duties | 02 |
| A Precious Gift | 03 |
| The Power of Prayer | 04 |
| Truthfulness | 06 |
| Means of Attaining Purity | 08 |



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Solarseven|Shutterstock | Pġ 3 RachenArt/Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IR-RIGAL PREZZJUŻ

Id-dinja moderna ġabet ħafna sfidi għall-bnedmin. Minħabba l-invenzjonijiet ġodda t-tniġġis fl-arja żdied ħafna. Għalhekk huwa importanti ħafna li nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna. Waħda mis-soluzzjonijiet hi li nibdew inħawlu ħafna siġar kemm nistgħu f'kull rokna ta' pajjiżna.

Hawn irrid nikteb l-istorja li qrajt ħafna snin ilu, iżda l-messaġġ tagħha huwa importanti l-istess illum kif kien qabel, anki aktar minn qatt qabel.

Qrajt li darba waħda r-re ta' xi pajjiż kien għaddej minn qalb l-għelieqi u ra raġel li kien xiħ ħafna u li kien qed ħawwel siġra. Ir-re kien sorpriż u mar ħdejh u qallu:

''Għal xiex inti qed tħawwel din is-siġra?''

Ir-raġel qal: ''Għall-frott, għall-kenn, għall-ossiġnu u għall-arja safja.''

Ir-re qal: ''Int taf li inti raġel xiħ ħafna u ma tafx kemm se tgħix aktar, hu possibbli li tmut qabel din is-siġra tikber, issir siġra kbira u tibda tagħti l-frott u l-kenn.''

Ir-raġel qal: ''Maestà! Din is-siġra mhux għalija. Naf li aktarx immut fil-futur qrib iżda rrid li nħalli xi ħaġa tajba lill-ġenerazzjonijiet ta' warajja u nagħti rigal ta' valur kbir lin-nies li ġejjin warajja."

U kompla jgħid li: ''Din se tkun karità u rigal minni għas-snin li ġejjin, u se nirċievi l-barkiet ta' Alla sa dak iż-żmien li din is-siġra se tibqa' tagħti beneficċji lin-nies.''



Din l-istorja għandha messaġġ sabiħ wisq li l-għemejjel tajba ma jispiċċaw qatt u jibqgħu għal dejjem. Is-siġar huma wkoll rigal mill-isbaħ li wieħed jista' jagħti lit-tfal ta' għada.

# IL-QAWWA TAT-TALB

Niżamuddin Auliya, qaddis minn Delhi, kien il-bniedem għaref għal ħafna qaddisin. Bis-saħħa tiegħu, l-għarfien inxtered sewwa fl-Indja.

Xi azzjoni ta' Niżamuddin Auliya dejqet lil re tad-dinastija Tughlaq li kienet taħkem lill-Indja dak iż-żmien. Ir-re kien tielaq fuq vjaġġ f'dak il-perjodu. Ir-re qal li se jikkastiga lil Niżamuddin Auliya wara r-ritorn tiegħu.

Id-dixxipli ta' Niżamuddin Auliya bdew jinkwetaw kif saru jafu b'dan. It-tħassib tagħhom żdied hekk kif ir-re beda triqtu lura lejn daru.

Huma ssuġġerew li billi r-re kien ġej lura, kellu jsir sforz għall-konċiljazzjoni qabel ma r-re jasal Delhi.

Niżamuddin Auliya wieġeb, **"Kollox jinsab f'idejn Alla. X'nista' nagħmel? Dak li Alla jixtieq, Huwa jwettaq. Jien se nibqa' nitlob lil Alla għall-maħfra, il-ħniena u l-għajnuna tiegħu. Għax, Alla l-Ħanin jaċċetta talb tal-qaddejja umli Tiegħu."**

Meta r-re kien wasal aktar fil-qrib, l-inkwiet tad-dixxipli ta' Niżamuddin żdied. Huma reġgħu sostnew li ma tantx kien għad baqa' bogħod. Niżamuddin Auliya qal, "Tinkwetawx, Delhi għadha 'l bogħod."

Fl-aħħar ir-re wasal fil-qrib. Kienet id-drawwa tar-rejiet Iżlamiċi li huma ma kinux jidħlu fil-belt tul il-lejl. Dan għaliex din kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu. Għalhekk, hekk kif ir-re wasal qrib, huwa ssetilja barra l-belt, u ħareġ avviż li kien iħabbar id-daħla tiegħu fil-belt li kienet se sseħħ l-għada.


The Goatman/Shutterstock

Id-dixxipli ta' Niżamuddin Auliya għal darba oħra insistew li r-re kien wasal biex jidħol fil-belt. U Niżamuddin Auliya reġa' qalilhom, "Delhi għadha 'l bogħod."

Hekk kif id-dawl tal-jum beda jinxtered, id-dixxipli tiegħu bdew jinkwetaw ħafna dwar x'tip ta' tpattija se jkun hemm. Iżda minflok waslet l-aħbar li r-re miet f'xi inċident u daħal il-ġisem tar-re mejjet fil-belt minfloku.

Għalhekk, fejn jidħol Alla, anki r-rejiet ma jiswew xejn ħdejh, għaliex il-kuntentizza vera tilħaq lil dawk biss li għandhom relazzjoni mas-Setgħani.

Huwa veru li, meta qaddej umli jitlob b'sinċerità sħiħa, Alla l-Ħanin jaċċetta t-talb tagħhom. **Bla dubju hemm qawwa kbira fit-talb.**

# IL-VERITÀ

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega l-importanza tal-verità u jgħid:

"Niftakar li darba bgħatt artiklu Amritsar flimkien ma' ittra, li kienet relatata mal-gazzetta *Wakil-i-Hind* li sidha kien Ralia Ram. Din l-ittra tqieset bħala kontravenzjoni tal-liġijiet tal-posta u għaldaqstant infetħet kawża l-qorti kontrija. Anki l-avukati tiegħi tawni l-parir li ma kienx hemm tama ta' rebħ tal-kawża, ħlief biċ-ċħid tal-ittra, jiġifieri, ma kienx hemm tama ta' ħelsien ħlief bil-gideb. Madanakollu, **jien b'xejn ma qbilt ma' dan u għedt li kieku kelli niġi kkastigat talli ngħid il-verità, mela kellu jkun hekk għax jien ma kont se nigdeb.**

Il-kawża fl-aħħar instemgħet fil-qorti u s-supratendent tal-uffiċċji postali deher bħala l-kwerelant. Meta ġejt mistoqsi dwar l-offiża, jiena weġibt b'mod onest li l-ittra kienet tiegħi, iżda li jien kont qegħedtha mal-artiklu għax qistha bħala parti minnu. Alla l-Omnipotenti ta d-dehen lill-maġistrat u għalhekk fehem dan il-punt. Is-supratendent tal-uffiċċji postali għamel l-almu tiegħu iżda l-maġistrat ma riedx jisma' u tani l-libertà.

Kif nista' ngħid li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajr il-gideb? Dawn l-ideat huma biss assurdità. **Ir-realtà hija li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajr il-verità**. Anki llum meta niftakar f'dan l-inċident, inħossni sodisfatt. Jiena segwejt l-amar ta' Alla l-Omnipotenti u Huwa ffavurieni b'tali mod li sar sinjal.

**U dak li jqiegħed il-fiduċja tiegħu f'Alla – Dak hu biżżejjed għalih.** [Il-Koran Imqaddes, 65:4]

Ftakru sewwa li m'hemm xejn agħar mill-falsità. Ġeneralment in-nies tad-dinja jgħidu li dawk li jistqarru l-verità jkunu arrestati, iżda kif nista' naqbel?... Alla l-Omnipotenti jiddefendi u jissapportja l-verità. Huwa possibbli li Huwa jikkastiga persuna twajba?" (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 478-479)




# SABIĦ LI TAGĦTI

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod attiv ħafna fil-maratona ta' ġbir ta' fondi organizzata mid-Dar tal-Providenza fl-4 ta' Lulju 2021. Il-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana offrew ikel u xorb, u għenu biex iwieġbu t-telefonati. Fl-aħħar sar ukoll talb għall-kontributuri kollha.



# MEZZI TA' KSIB IS-SAFA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], jispjega l-mezzi ta' ksib is-safa u jgħid: "Il-fatt hu li s-safa vera tinkiseb meta wieħed sinċerament jindem minn ħajja midinba u jħabrek biex jgħix ħajja ta' devozzjoni, li għaliha jeħtieġu tliet kundizzjonijiet.

**L-EWWEL,** determinazzjoni sħiħa u sforz qawwi biex wieħed jeħles minn ħajja ħażina skont kemm għandu setgħa li jagħmel dan.

**IT-TIENI** kundizzjoni hija t-talb; wieħed għandu jitlob bil-qalb lil Alla ħalli Dan jeħilsu minn din il-ħajja żienja b'Idu stess, u jkebbes tali nar f'qalbu li jirriduċi l-ħażen kollu fi rmied, u jagħtih tant setgħa li jkun kapaċi jegħleb il-passjonijiet karnali kollha.

Għandu jkompli jitlob lil Alla sakemm jasal il-waqt meta dawl Divin jixgħel f'qalbu u raġġ brillanti jaqa' fuq ruħu biex itajjar id-dlamijiet kollha, jegħleb id-dgħufijiet tiegħu u jġib bidla radikali fih, għaliex it-talb bla dubju ta' xejn għandu qawwa kbira. Jekk il-mejtin għandhom jirxoxtaw dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb; jekk il-ħabsin jistgħu jiksbu l-ħelsien dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb; jekk il-ħżiena għandhom isiru tajbin dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb. Iżda biex wieħed jitlob qisu jkun se jmut.

**IT-TIELET** kundizzjoni hija li wieħed iżomm il-kumpanija tat-tajbin u ta' dawk li huma perfetti**, għaliex lampa tixgħel lil oħra**.

Dawn huma tabilħaqq it-tliet metodi tal-ksib tal-ħelsien mid-dnub, u meta jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet, ikunu finalment imberkin bil-grazzja Divina." (*Ruhani Khazain,* V. 20, p. 234)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**